VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,775, 10 ta' Mejju, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 140 tal-2017**

## ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

## Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinfthemu ħaġa waħda mar-ir-Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 463.09

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "Linji Gwida" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "negozju tal-familja" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar in-Negozji tal-Familja;".

Kap. 565.

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minnufih wara l-kliem "li m'għandux jeċċedi l-ħamsin elf euro (€50,000) fuq perijodu ta' tliet snin konsekuttivi, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida:" fit-tielet proviso għas-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied il-provisp ġdid li ġej:

"Iżda wkoll mis-sena ta' stima 2018, negozju tal-familja jista' jingħata ammont totali ta' krediti ta' taxxa konformi ma' dan ir-regolament li m'għandux jeċċedi l-ħamsin elf euro (€50,000) fuq perijodu ta' tliet snin konsekuttivi skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida:".